jixxengel
iserrep imbellah bejn l-erbat irjieħ
b'idu merfugħa
ifittex
jissemma'
għas-sejħa tat-tnabar
li tiġri warajh
iddamdam u tidwi
mal-polz merfugħ
f'widnejh
maħrub
iħabbat...

**JANE CORTIS**

### F'JUM L-IMWIET

F'jum l-imwiet it-tokki mriegħda
U r-riħ jingħi fiċ-ċipress jitbandal
Jiksru l-ħemda. Il-bniedem ma fehemx
Li mhix it-tmiem tal-ħajja l-mewt 'ma l-bidu....
Għax kieku n-nisa bl-iswed imkeffnin
Ma jxerrdux dmugħ il-ħniena
U jinfnew bil-ħasra.
Irrid nara f'jum il-mewt
Għid kbir ta' ferħ.
F'xemx ħamra mdewba,
In-nisa mżejnin bl-abjad
Igħannu u jitbandlu
Mad-daqq mgħaġġel tal-kitarri,
U jdommu waħda waħda l-ġiżimin
Irrid bħal dak in-nhar snin ilu nara
Il-mewt mirbuħa u l-bidu tal-ħajja
Fil-qawmien.

**J. J. CAMILLERI**

## "Taħt Tliet Saltniet"

# IL-QAWWA TAR-RUMANZ FIL-KUNTRAST BEJN IL-KARATTRI

**— MIRIAM ZARB —**

"TAHT TLIET SALTNIET" rumanz imżewwaq b'folklore, element reliġjuż, storiku u soċjali mhux nieqes mill-kuntrasti bejn il-karattri li jixhdu l-varjetà u l-imġieba bejn il-klassijiet ta' dawk iż-żmenijiet. Hekk insibu karattri nobbli, kavallieri, foqra, bdiewa, ilsiera kif ukoll karattri kosmopolitani — Lhud u Griegi.

In-nobbiltà għal Alessandru Habela, l-iben waħdieni ta' waħda mill-iżjed familji nobbli Maltin, ma tfissirx il-lussu, it-titoli u ideat qodma iżda n-nobbiltà tinsab f'dawk inqas minnu, il-foqra u n-nies tar-raba li bl-għaraq ta' ġbinhom u l-bżulija jaħdmu l-art għall-għajxien ta' kuljum. Lil Pawlina kien igħidilha "Niesek, ħanina, aktar nobbli minn niesi għax nisilhom hu eqdem. Li ma kinux niesek l-ewwel kieku ma kienx ikunu niesi. L-akbar nies tad-dinja kienu u jibqgħu l-ħaddiema ta' l-art." Din l-attitudni ta' mħabba u qima għall-ħaddiem narawha meta jgħin moralment u materjalment lil min kien maħqur u fqir — iħenn għal bidwi fqir li mar għandu biex iħa las il-qbiela; għal Pina ta' Vangu li nofsha mejta laqagħha f'daru u dar biha sa ma mietet; għal ulied din l-armla fqira; għal Lhudi Ebenezer li l-folla kienet sa tħaġġru; għall-għama magħkus u fqir, maħrub minn kulħadd; u għal ħafna nisa u rġiel żgħażagħ u miżżewġa li lilhom qassam ġidu għax Alessandru kien tal-fehma li lill-fqir mhux biżżejjed tfarrġu bil-kelma t-tajba biss imma min hu bil-ġuħ u bil-għatx agħtih x'jiekol u x'jixrob.

Barra l-imħabba għall-fqir Alessandru kellu l-imħabba għal Pawlina, bint ir-raba u bint il-faqar. Hu għex għaliha u saħansitra tkeċċa mill-palazz t'ommu minħabba fiha u telaq il-klassi privileġġata li twieled fiha biex seta' jinżel għal-livell tagħha ta' bidwi li kellu jaħdem biex jaqla' ħobżu. Naraw l-imħabba għal Art Twelidu meta jieħu sehem attiv fil-konfoffa kontra l-Ordni u wara l-istess Franċiżi li kien ħadem għalihom biex ġew hawn Malta u l-imħabba għal Mikiel Anton Vassalli li għalih kien bħal torċa kbira li kienet tixħet dawl qawwi fuq id-dlam ta' żmenijietu. Iżda l-akbar u l-aqwa mħabba kienet għal Kristu. Alessandru ried igħix fi Kristu billi jagħmel il-ġid